MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2005

Avviz Numru. 77/2005

**Paul Ciappara (ID 433579 (M) kif**
**ezercenti l-kummerc taht l-isem Eurostar Auto**

**Vs**

**Simon Grech**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' elfejn tlett mija u hamsa u sittin lira Maltin (Lm2,365) flimkien ma' tlett mija u erbgha u hamsin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm354.75) VAT, b'kollox elfejn sebgha mija u dsatax il-lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm2719.75) rapprezentanti xoghlijiet *ta' panel-beating, spray painting, engine-removal & re-fit* u xiri ta' *spare parts* li sar mill-attur b'inkarigu tal-konvenut

fuq il-vettura Rover 220 li ghandha n-numru ta’ registrazzjoni SIM 367.

Bl-imghaxijiet legali mill-25 ta’ Novembru 2003 u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta‘ Novembru 2003 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat dak verbalizzat a fol 11 tal-atti waqt is-seduta tal-15 ta’ Gunju 2005.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fil-15 ta' Gunju 2005 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur s-somma ta' Lm2719.75,0 komplessivament, bl-imghaxijiet legali mill-25 ta’ Novembru 2003 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta’ Novembru 2003.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------